Nru. tal-applikazzjoni: _______

## APPLIKAZZJONI – EMPOWERMENT SCHEME

### Dettalji Personali tal-Applikant (*Jekk jogħġbok uża ittri KBAR u inka blu)*

L-għan ta' din l-iskema huwa li tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-persuni b'diżabilità biex jixtru tagħmir li jgħinhom jgħixu stil ta' ħajja aktar indipendenti fi ħdan id-dar u l-lokalità tagħhom stess.

Barra minn hekk, din l-iskema tipprovdi wkoll sussidju fuq servizz ta’ trasport individwalizzat għal dawk il-persuni b’diżabilità li ma jistgħux jagħmlu użu mit-trasport pubbliku u jkollhom bżonn imorru għax-xogħol, jattendu istituzzjoni ta’ edukazzjoni post-sekondarja, jew jattendu taħriġ sportiv professjonali li permezz tiegħu l-applikant ikun irreġistrat taħt Sports Club reġistrat.

<table>
<tr><td>Isem</td><td colspan="6"></td><td>Kunjom</td><td></td></tr>
<tr><td>Nru. tal-karta tal-identità</td><td colspan="6"></td><td>Karta Ewropea tad-Diżabilità</td><td></td></tr>
<tr><td>Raġel</td><td></td><td>Mara</td><td></td><td>Ieħor/ Oħra</td><td></td><td></td><td>Data tat-twelid</td><td></td></tr>
<tr><td>Nru. tat-Tel</td><td colspan="6"></td><td>Nru. tal-Mob</td><td></td></tr>
<tr><td>Nru. tat-telefon (Text)</td><td colspan="6"></td><td>Email</td><td></td></tr>
<tr><td>Indirizz</td><td colspan="8"></td></tr>
<tr><td colspan="9"></td></tr>
<tr><td>Raħal/Belt</td><td colspan="6"></td><td>Nru. tal-kodiċi postali</td><td></td></tr>
</table>

Nru. tal-applikazzjoni: _______

## Applikazzjoni għall-Empowerment Scheme

**Lista ta' dokumenti meħtieġa ma' din il-formola:**

- **Kopja tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità**

- **Ċertifikat mediku** li għadu effettiv sa din id-data u li jindika d-dijanjosi, kwalunkwe permanenza/kroniċità, kwalunkwe progressjoni u pronjosi tad-diżabilità tal-persuna. (Mhux meħtieġ l-ebda ċertifikat mediku fil-każ ta' Hearing Aids). Madankollu, il-Bord tal-Empowerment jirriserva d-dritt li jitlob lill-applikant biex jipprovdi aktar informazzjoni kif jitqies meħtieġ.

- **Rapport Professjonali** - *Biex il-Bord ikun jista' jieħu deċiżjoni, għandu bżonn rapport tat-terapista.*

- **Fil-każ tat-Tagħmir jeħtieġ li jiġu ppreżentati wkoll id-dokumenti li ġejjin:**
  a) **kwotazzjoni waħda minn fornitur wieħed għax-xiri ta' tagħmir jew aktar minn tagħmir wieħed bl-ispiża totali ta' €400 iżda inqas minn €3,000. Barra minn hekk, kull oġġett mixtri, anke meta jingħaqdu oġġetti flimkien, m'għandux ikun inqas minn €100 għal kull oġġett JEW**
  b) **3 kwotazzjonijiet minn 3 fornituri differenti għax-xiri ta' tagħmir li jiswa minimu ta' €3,000 għal kull oġġett u aktar**
  c) **Applikazzjonijiet bi spiża ta' inqas minn €400 ma jiġux ikkunsidrati/aċċettati**

- **F'każ ta' apparat ta' smigħ (*Hearing Aids*) iridu jiġu ppreżentati:**
  a) **kwotazzjoni waħda minn fornitur wieħed** (minn fejn il-hearing aids qed jinxtraw), **li huma aktar minn €400**
  b) **Kopja tal-Audiogram/Graph**
  c) **Ir-Rapport Professjonali miġbur u ffirmat mill-Awdjologu**
  d) **L-ebda Ċertifikat Mediku mhu meħtieġ**

- **Applikazzjonijiet dwar tiswijiet fuq tagħmir, jeħtieġ li jiġu ppreżentati wkoll id-dokumenti li ġejjin:**
  a) **kwotazzjoni waħda minn fornitur wieħed**

- Ma' applikazzjonijiet dwar it-Trasport, jeħtieġ li jiġu ppreżentati wkoll id-dokumenti li ġejjin:
  a) 3 kwotazzjonijiet minn 3 operaturi tat-trasport differenti
  b) Ir-Rapport Professjonali għandu jiġi kkompilat mill-Professjonist li jsegwi l-klijent

- **Kull informazzjoni oħra li tista' tgħin lill-Bord biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu.**

Nru. tal-applikazzjoni: _______

**Noti:**

- **L-applikazzjoni** ta' din l-iskema tiġi riveduta minn Bord maħtur apposta **minn Aġenzija Sapport.**
- **Il-Bord jirriserva d-dritt li jivverifika l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni mal-Malta Community Chest Fund.** Il-Bord jirriserva d-dritt li jvarja l-ammont ta' sussidju mogħti minn żmien għal żmien kif meħtieġ minn din l-iskema. Barra minn hekk, il-Bord iżomm il-prerogattiva li ma japprovax l-applikazzjoni skont il-każ.
- **L-applikanti jistgħu jixtru t-tagħmir, wara li jikkonsultaw mat-terapista tagħhom, qabel ma jissottomettu l-applikazzjoni iżda l-Bord jirriserva d-dritt li ma japprovax l-applikazzjoni għall-finanzjament.**
- Jekk l-apparat ikun ilu mixtri aktar **minn sena qabel** mid-data tal-applikazzjoni, din l-applikazzjoni tiġi rifjutata immedjatament u l-applikant ikun infurmat kemm bit-telefown kif ukoll bil-miktub. Barra minn hekk, id-dokumenti kollha sottomessi jiġu mgħoddija lura lill-applikant flimkien mar-Refusal Letter.
- Apparat ewlieni pprovdut mill-Istat mhux kopert taħt din l-iskema.
- **Tagħmir mediku** u **apparat mainstream** (bħal telefowns ċellulari/kompjuters/laptops/tablets) mhumiex koperti minn din l-iskema.
- Applikazzjonijiet sottomessi lil Aġenzija Sapport wara li l-applikant ikun laħaq miet ma jiġux aċċettati.
- Tittieħed kull azzjoni meħtieġa (anke dik legali) kontra min ikun applika mal-Iskema fuq bażi ta' informazzjoni żbaljata u qarrieqa. F'każ li jiġri hekk, l-applikant jista' jintalab jirritorna lura l-flus kollha jew parti minnhom, skont il-każ.

*Il-Bord tal-Iskema jipproċessa l-informazzjoni personali skont il-**Att tal-Ipproċessar tad-Data (2001)**. L-informazzjoni provduta minnek hija miżmuma b'mod kunfidenzjali għall-aħħar. Din l-istess informazzjoni tista' tinżamm minn Aġenzija Sapport jew tiġi mgħoddija lil terzi persuni/entitajiet sabiex inti tkun tista' tieħu l-aħjar assistenza/servizz possibbli, dejjem skont il-liġi. L-informazzjoni tiegħek tista' tiġi miġbura minn terzi persuni/entitajiet għal dawn l-istess raġunijiet.*

Nru. tal-applikazzjoni: _______

**Ħlasijiet**:

Jiena nawtorizza li l-pagament ta' dan is-sussidju jsir kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Isem tal-Bank** | |
| **Numru tal-IBAN** | |
| **BIC** | |
| **Isem fuq min hu l-kont** | |

***Meta tissottometti din l-applikazzjoni, qed nawtorizza lill-Aġenzija Sapport biex tmexxi l-proċeduri għal pagamenti ta' sussidju direttament fil-kont bankarju. Niddikkjara wkoll li d-dettalji u l-informazzjoni li tajt f'din l-applikazzjoni huma kollha tajbin.***

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Isem u kunjom tal-applikant** | | ***Firma tal-applikant** | |
| **Numru tal-karta tal-identità tal-applikant** | | | |
| ***Isem u kunjom tal-ġenitur jew kustodju legali** | | **Numru tal-karta tal-identità tal-ġenitur jew kustodju legali** | |
| **Firma tal-ġenitur jew kustodju legali** | | **Data** | |

*** Iffirmata mill-ġenituri jew gwardjan tal-persuni b'diżabilità biss jekk:**

- **Il-persuna b'diżabilità hija/huwa taħt it-tmintax-il sena**
- **Il-persuna b'diżabilità ma t/jistax t/jiffirma minħabba n-natura tad-diżabilità tiegħu/tagħha**

*Din l-applikazzjoni tinstab ukoll bil-verżjoni Ingliża.*

*Għal informazzjoni, wieħed jista' jikkuntattja lil Aġenzija Sapport fuq in-numru 2256 8000 (Malta) jew 2156 9909 (Għawdex) kif ukoll fuq il-Helpline tal-Aġenzija, Freephone 153 (u agħfas in-numru 5). Tista' ukoll tibgħat email għal aktar informazzjoni fuq schemes.sapport@gov.mt.*

*Applikazzjoni mimlija tista' tibgħatha bil-posta lill-Aġenzija Sapport fl-indirizz Triq Patri Ġwann Azzopardi, Santa Venera jew tibgħatha permezz ta' formola onlajn mis-sit tal-Aġenzija www.sapport.gov.mt.*